**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 64**

Il-Ġimgħa, 19 ta' April, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Is-Sur Emanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Is-Sinjuri Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| | Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsillier |
| | Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sur Silvio Xerri - Segretarju Eżekuttiv

## 64.1 Talba

64.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Daniel Attard.

## 64.2 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

64.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 64.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

64.3.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 62 u tal-laqgħa b'urġenza numru 63 ġew ċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 64.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

64.4.1 *Email* rigward l-*EV Charging Pillars* fejn ġie ndikat it-tielet (3) post fejn għandha titwaħħal l-*EV Charging Pillar*. Il-Kunsilliera qablu li għandha titwaħħal fit-triq indikata pero' mhux fil-post indikat iżda ftit il-metri l-bogħod minn dak indikat fi Triq il-Fanal.

64.4.2 *Email* mir-Reġjun ta' Għawdex dwar *Town Twining Call for Proposals under the Citizens, Equality, Rights and Values (CERV) Programme*. Il-Kunsill qabel unanimament li mhux ser japplika għal dan il-programm.

64.4.3 Wara l-laqgħa li saret mal-*Community Police* ġie maqbul li l-attivita' li ssir mill-Pulizija fil-ġranet tal-festa, għandha tiġi organizzata fit-28 ta' Mejju 2024 bejn it-8:00pm u d-9:00pm waqt l-ikla tal-festa. Ser ikun hawn il-*Community Police* preżenti u għandhom iġibu xi karozzi u muturi tal-pulizija u anke jinteraġixxu mat-tfal. Għandha tintbagħat *email* sabiex ikun hemm l-approvazzjoni.

64.4.4 Il-Kunsill irċieva t-tlett (3) kwotazzjonijiet mitluba rigwardanti dak l-*isponsoship* tal-*music video*. Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tiġi aċċettata l-kwotazzjoni ta' MI Media Hub.

64.4.5 *Email* mingħand Gokker Limited kwotazzjoni għar-rigward il-bdil tat-tapiti fi Ġnien Kenn is-Salvatur, peress li għandhom jinbidlu. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn għandhom jinbidlu sabiex ikunu konformi mar-Regolamenti tal-MCCAA. Intbagħtet kwotazzjoni wkoll relatata mal-*maintenance* tal-istess ġnien. Ġie maqbul li għalissa m'għandhiex issir din il-*maintenance*.

## 64.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

64.5.1 Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace saqsa jekk hux qed tiġi mħallsa l-qbiela lill-Kurja relatata ma' Ġnien Kenn is-Salvatur. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li s'issa qatt ma għadda pagamenti rigwardanti fuq hekk u ser

ikellem lill-Kappillan sabiex ikun jista' jara x'inhu dovut.

64.5.2 Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace saqsa x'inhi l-ispiża globali relatata ma Ġnien Kenn is-Salvatur. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li jrid jiċċekja x'pagamenti saru u jinformah f'laqgħa oħra.

64.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li beda l-proċess relattiv għat-Tender tas-CCTV u t-terminu sa meta għandhom jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet hija tal-10 ta' Mejju 2024.

64.5.4 Il-Kunsillier Salvu Felice Pace saqsa meta ser jibda l-proġett ta' Triq Wied Sara. Is-Sindku nfurmah li qed nistennew risposta min-naħa tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward it-talba għall-varjazzjonjiet fil-kuntratt.

**64.6 Ħatra Youth Ambassador**

64.6.1 Wara l-*email* mir-Reġjun sabiex jinħatar Ambaxxatur għaż-żgħażagħ fi ħdan il-Kunsill, ma kien hemm ħadd li applika peress li l-laqgħa ndikata fl-*email* hija nhar is-Sibt 4 ta' Mejju 2024 u dakinhar hemm l-eżamijiet. Jekk ikun hemm bżonn il-Kunsill jaħtar lil xi ħadd aktar 'l quddiem.

**64.7 Festa 2024**

64.7.1 Il-Kunsilliera qablu li l-logħob tat-tfal għandu isir nhar it-Tlieta, 28 ta' Mejju 2024 u għalhekk għandu jinħareġ avviż bl-applikazzjoni għal-logħob tat-tfal.

64.7.2 Il-Kunsillier Sammy Saliba nforma li rċieva xi stimi rigward tenur u solist sabiex jindaqq l-innu li jammontaw bejn wieħed u ieħor bejn ħames mitt ewro (€500) u sitt mija u ħamsin ewro (€650) Il-Kunsilliera qablu unanimament li għandhom jitqabbdu tenur u solist sabiex flimkien mal-kor tal-Għasri jkun jista' jindaqq u jitkanta l-innu.

**64.8 Sitwazzjoni tal-Librara**

64.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-unika soluzzjoni sabiex titranġa s-sitwazzjoni tal-librara hija li toħroġ sejħa għall-post ta' skrivan/a għal mal-Kunsill skont ir-rekwiżiti meħtieġa. Il-Kunsilliera qablu unanimament li għandha tinħareġ sejħa għall-post ta' skrivan/a fi skala 15.

**64.9 Materji Oħra**

64.9.1 Il-Kunsilliera Elizabeth Mintoff infurmat li ġiet avviċinata minn persuna li toqgħod fi Triq il-Fanal, fejn fis-snin li għaddew kienet saret rampa żgħira li llum il-ġurnata qed tinkiser u għalhekk jinħtieġ li tiġi rranġata. Il-Kunsilliera qablu unanimament sabiex jitqabbad il-kuntrattur biex jagħmilha.

64.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċieva email mingħand il-LESA rigward l-*electric van* sabiex il-Kunsill jiġi rimborsat tan-nefqa għax-xiri tal-*electric van.*

64.9.3 Residenta fi Triq Għammar nfurmat li għandha l-bankina għolja u għalhekk trid għatba sabiex l-aċċess għal bankina jkun aktar aċċessibbli. Il-Kunsilliera qablu unanimament li għandu jitqabbad il-kuntrattur sabiex iwettaq dan ix-xogħol

64.9.4 Resident fi Triq Ġesu Nazzareno nforma li kienet saritlu xi ħsara fil-bankina u fir-rampa u l-aċċess ġie limitat. Il-Kunsilliera qablu unanimament li għandu jitqabbad il-kuntrattur.

64.9.5 Il-Kunsilliera Elizabeth Mintoff ipproponiet ħarġa nhar l-Erbgħa 8 ta' Mejju 2024 għall-okkazjoni ta' Jum l-Omm. Il-Kunsilliera qablu ma din il-proposta u li s-servizz tat-trasport u d-dħul għall-Mużew ta' Karmni Grima ser ikun ipprovdut mill-Kunsill.

64.9.6 Għall-attivita' Traditions, qed jiġi pproponut li tiġi mitkellma DJ Sue għall-għeluq tal-attivita'. Irid jiġi ngaġġat xi ħadd ukoll sabiex jiftaħ l-event. Qed jiġi propost li tiġi mitkellma Jolene Samhan sabiex tara jekk tistax tattendi għal tali attivitia' u fil-każ tipprovdi stima.

**64.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

64.8.1 Ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti numru 8-60.

**64.9 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

64.9.1 Il-laqgħa ntemmet fid-8:45 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa 17 ta' Mejju, 2024 fis-7:00 ta' filgħaxija.

Ikkonfermati l-Ġimgħa, 17 ta' Mejju 2024

| | |
|---|---|
| **Dr. Daniel Attard** | **Silvio Xerri** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekutti** |